MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Numru. 1111/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**MARK SCERRI, iben Joseph u Maria Rosaria nee' Thomas, imwieled Tal-Pieta' nhar l-1 ta' April, 1977, residenti fil-fond Redentur, First Dawn Court, Triq il-Qaliet, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' numru 178977M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mark Scerri** li gie akkuzat talli:

1. F'Marsascala, nhar it-2 ta' Lulju, 2003, fil-perjodu ta' wara t-8.00 ta' fil-ghaxija, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom oggetti tad-deheb li l-valur taghhom

jeccedi s-somma ta’ mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin, minn gol-fond numru 93, Rosa, Triq ic-Cervjola, Marsascala, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin, u li sar ghad-detriment tar-residenti tal-istess fond;

2. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta nstab hati b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

3. U aktar talli kiser il-provvediment tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, nhar is-27 ta’ Novembru, 2001; nhar it-18 ta’ Lulju, 2002; u nhar il-25 ta’ April 2003 rispettivament.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, u li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu ghall-istess proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza giet instigata mir-rizultanzi li wasal ghalihom l-espert Joseph Mallia, appozitament mahtur fl-Inkjesta. L-istess espert fil-fatt ikkonkluda, wara li ezamina l-lifters tal-impronti digitali kif elevati minn PS 171 Karl Glenville u konservati fir-relazzjoni tieghu, Dok KG folio 68 et seq.

Ghalhekk Joseph Mallia, wara li ha l-impronti digitali u tal-palma tal-id ta’ Mark Scerri, ikkonkluda:
*“Illi l-impronta li giet elevata permezz tal-lifter dokument 03BRA303 giet ikkomparata definittivament mal-marka tas-saba l-kbir tal-id il-leminija ta’ Mark Scerri numru tal-karta tal-identita’ 178977M u li joqghod fil-fond Redentur, Triq il-Qaliet, Marsascala, dokument AC1.”*

Illi harsa lejn ir-relazzjoni gia' msemmija, Dok KG, jidher illi l-lifter imqabbla 03BRA303, giet elevata minn fuq il-kexxun ta' fuq tan-naha tax-xellug tat-twaletta tal-main bedrrom, folio 32.

Semghet ukoll ix-xhieda ta' Paul Hopkins, id-derubat. Dan qal illi mar ifittxu habib tieghu u qallu li mar ghandu, cioe' d-dar ta' Hopkins, u li kien halla xi nies id-dar. Fuq tali nformazzjoni, hu mar lejn daru u hemm sab il-bieb miftuh. Minn daru sab neqsin diversi oggetti ta' valur, curkett tal-engage tal-mara, locket tat-tifla bil-gizirana, cappetta tieghu fost ohrajn. Xehed illi hu kien hareg mid-dar circa 7.30pm, u gie nfurmat madwar it-8.00pm. Xehed illi bejn x'hin hareg u x'hin ircieva l-informazzjoni, ghaddiet bejn nofs siegha u siegha. Xehed ukoll illi kien certu Patrick Anastasi li kien tah l-informazzjoni dwar in-nies go daru.
Mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina jirrizulta li l-oggetti misruqa huma:
1. Engagement ring tal-mara b'fossa wahda li kien mixtri Lm100 fl-1982;
2. Brazzuletta katina bil-pjanca tal-isem;
3. Gizirana b'locket imdaqqas (tal-mara);
4. Gizirana tieghu;
5. Zewg crieket zghar, xi Lm15-il wiehed;
6. Brazzuletta tal-mara.

Christian Barun xehed illi hu kien jaf lil certu Paul Hopkins. Qal illi hu kien mar id-dar ta' Hopkins biex jaghtieh wire u minn din id-dar harget persuna li qallu li Hopkins ma kinx hemm. Qal illi hu kien jaf lil Paul u lill-mara tieghu, pero mhux lil din il-persuna. Qal illi lil Hopkins dwar dan l-incident kien cempillu missier it-tfajla tax-xhud, certu Patrick. Ikkonferma li mar ihabbat fil-ghaxija.

Minn naha tieghu Patrick Anastasi xehed ukoll illi Chris kellu jmur ghand Hopkins jaghtieh xi wire. Dak il-hin kien qal illi kien qieghed jidlam. Qal illi meta Chris daqq il-qanpiena, hareg ragel minn got-tieqa. Qal illi wara ftit din il-persuna fethet il-bieb, kellmet lil Chris u baqghet sejra. Qal ukoll illi din il-persuna dahlet f'karozza u saq fid-dlam, cioe' bla ma xeghel id-dawl. Qal ukoll illi kien cempel lil Paul u staqsieh jekk kinx hemm go daru, dan kien wiegbu

fin-negattiv, ghalhekk ix-xhud mar ikellmu, ghalhekk flimkien regghu marru d-dar ta’ Hopkins, hemm sabu l-bieb sgassat u cemplu lill-pulizija.

Minn naha taghha Christine Anastasi, prezenti ma’ missierha Patrick u Christian (xhud ta’ qabel tal-ahhar), ukoll ikkonfermat illi mid-dar ta’ Hopkins hareg xi hadd li qabel kien ittawwal minn got-tieqa.

Gew prezentati wkoll mill-Prosekuzzjoni zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat, li kif kien drittu, jidher illi ma wiegeb ghal ebda domanda lilu maghmula.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza ma ressqet ebda prova.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju, Joseph Mallia kkonkluda li sab impronta digitali tal-imputat fuq oggetti ezaminati fuq ix-xena tad-delitt, senjalament fuq kexxun ta’ fuq in-naha tax-xellug tat-twaletta tal-main bedroom tal-konjugi Hopkins (rapport Dok KM). Huwa vera li l-imputat ghandu d-dritt sagrosant tas-silenzju, pero ma ngabet ebda prova li tista’ tispjega (anke mill-Prosekuzzjoni ghax dmirha hu li tipprezenta kull prova), ghala l-imputat halla l-impronta digitali tieghu god-dar tal-konjugi Hopkins (dan meta dawn ma jafux lill-istess – precizament hadd mix-xhieda ma jafu!!!).

Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda ssib htija tal-akkuzi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll is-sentenzi ezebiti;
Rat li Mark Scerri kiser il-kundizzjonijiet fuqu mposti taht il-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Qieset illi l-piena idonea, tenut dan kollu premess, hija dik karcerarja effettiva, u qieghda ghalhekk tikkkundannah ghal piena ta’ prigunerija ta’ sena(1);

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €578.93

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------